

Brussell, 2 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9271/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0135(NLE)

PECHE 173

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ġunju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 280 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni.

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 280 final.

Mehmuż: COM(2021) 280 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2021
COM(2021) 280 final

2021/0135 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Normalment dawn l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi fil-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżuri proposti tfasslu f'konformità mal-objettivi u mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi ħajjin akkwatiċi jirriżultaw mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li l-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tqis ir-reazzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati, mill-Kunsilli Konsultattivi, mill-amministrazzjonijiet nazzjonali, mill-organizzazzjonijiet tas-sajjeda u mill-organizzazzjonijiet nongovernattivi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta hija bbażata fuq il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhux se jkollha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tfittex li timmodifika r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 kif deskritt hawn taħt.

Laċċ ikħal fil-Kattegat/Skagerrak, fil-Baħar Norveġiż u fil-Baħar tat-Tramuntana

Il-laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) huwa speċi b'ħajja qasira u għalhekk l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu stabbiliti malajr wara l-pubblikazzjoni tal-parir tal-ICES sabiex is-sajd ikun jista' jibda. Minn April 2019, l-ICES qed joħroġ parir wieħed għal-laċċ ikħal fid-diviżjoni 3a tal-ICES (Kattegat/Skagerrak) minn naħa, u għal-laċċ ikħal fid-diviżjoni 2a tal-ICES (il-Baħar Norveġiż) u fis-subżona 4 tal-ICES (il-Baħar tat-Tramuntana) min-naħa l-oħra, minħabba li dawn jitqiesu li huma stokk bijoloġiku wieħed, għalkemm il-ġestjoni tagħhom għadha

maqsuma f'żewġ żoni ta' ġestjoni. L-ICES ippubblika l-parir xjentifiku annwali tiegħu dwar l-istokk fit-13 ta' April 2021, filwaqt li s-sajd se jibda fl-1 ta' Lulju 2021. Skont dak il-parir, il-qabdiet totali tal-laċċ ikħal jenħtieġ li ma jaqbżux il-106 715-il tunnellata għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2021 sa Ġunju 2022 fiż-żoni kkonċernati. Ir-Regolament tal-Kunsill 2021/92 jistabbilixxi l-limiti tal-qabdiet totali permissibbli (TAC) fiż-żewġ żoni ta' ġestjoni għal zero għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022. Għalhekk il-qabdiet tal-laċċ ikħal f'dawk iż-żoni ta' ġestjoni jenħtieġ li jiġu emendati skont l-aħħar parir xjentifiku tal-ICES, wara l-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit u man-Norveġja.

L-inċova fis-subżoni 9 u 10

Sa ma jingħata l-parir xjentifiku għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022, ġiet stabbilita TAC ta' zero għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) għal dak il-perjodu. L-ICES mhux se joħroġ il-parir tiegħu għal dan l-istokk qabel it-tmiem ta' Ġunju 2021. Sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd ikunu jistgħu jitkomplew sa ma tiġi stabbilita t-TAC abbażi tal-aħħar parir xjentifiku, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC provviżorja ta' 5 744 tunnellata, abbażi tal-qabdiet li saru fl-aħħar tliet xhur tal-2020. Dik it-TAC se tiġi emendata skont il-parir xjentifiku tal-ICES.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92¹ jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2021/92 stabbilixxa għal żero l-qabda totali permissibbli ("TAC") għal-laċċ ikħal fid-diviżjoni 3a tal-ICES (Kattegat/Skargerrak), fid-diviżjoni 2a tal-ICES (il-Baħar Norveġiż) u fis-subżona 4 tal-ICES (il-Baħar tat-Tramuntana), sakemm jiġi ppubblikat il-parir xjentifiku rilevanti pprovdut mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES"). L-aħħar parir dwar ir-rendiment massimu sostenibbli mill-ICES sar disponibbli fit-13 ta' April 2021. Skont dak il-parir tal-ICES, il-qabdiet totali tal-laċċ ikħal jenħteġ li ma jaqbżux il-106 715-il tunnellata għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022 fiż-żoni kkonċernati. Il-laċċ ikħal huwa speċi b'ħajja qasira u għaldaqstant is-sajd rilevanti jibda fl-1 ta' Lulju, ftit wara l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku. Għalhekk, il-limiti ta' qbid li japplikaw issa għal-laċċ ikħal fid-diviżjoni 3a tal-ICES, u fid-diviżjoni 2a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES jenħteġ li jiġu adattati skont dak il-parir mill-ICES, u wara l-konsultazzjonijiet pendenti man-Norveġja u mar-Renju Unit.
- (3) Sa ma jingħata l-parir xjentifiku għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022, ir-Regolament (UE) 2021/92 stabbilixxa għal żero t-TAC għall-inċova

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jstabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

(*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant għal dak il-perjodu. L-ICES se jorog il-parir tiegħu dwar dak l-istokk fi tmiem Ġunju 2021. Sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd ikunu jistgħu jtkomplew sa ma tiġi stabbilita t-TAC abbażi tal-aħħar parir xjentifiku, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC provviżorja ta' 5 744 tunnellata, abbażi tal-qabdiet li saru fl-aħħar tliet xhur tal-2020.

- (4) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu minħabba l-urġenza li jibda l-istaġun tas-sajd għal-laċċ ikħal fil-ħin fl-1 ta' Lulju 2021,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92

Ir-Regolament (UE) 2021/92 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President